# QORTI TA' L-APPELL
## (APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR)
## (GHAWDEX)

**IMHALLEF**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 ta' Lulju 2002**

**Numru**

**Appell numru:  24/01 NA (G)**

**John u Rose konjugi Portelli**

**vs**

**Victor u Alfreda konjugi Cachia**

**Il-Qorti,**

**Is-Sentenza Appellata.**

Dan hu appell procedurali minn din is-sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar tat-28 ta' Dicembru 2001:

*"Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:*

*Peress illi fil-25 ta' Frar 2001, ghal habta tal-5.00 p.m. l-attur John Portelli pparkja l-vettura tieghu tat-tip Datsun*

*Nissan (numru ta' registrazzjoni DAE 778) mal-genb tat-triq tal-Hamrija fix-Xewkija, Ghawdex u precizament taht il-fond numru 133, Triq San Gwann, Xewkija, Ghawdex li huwa propjeta tal-konvenuti.*

*Peress illi waqt li kien rega' diehel fil-vettura biex jistartja u jitlaq, pipe ta' l-asbestos waqghet minn fuq il-bejt tal-fond tal-konvenuti bin-numru mija u tlieta u tletin (133) Saint John Street, Xewkija, Ghawdex ghal fuq il-vettura tieghu (DAE 778) u kisritlu l-windscreen ta' wara ta' l-istess vettura, oltre milli kkagunatlu hsarat ohra.*

*Illi minhabba dan l-incident hawn fuq imsemmi, l-atturi sofrew tlett mija u sitta u hamsin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm356.13) danni – u dan in kwantu ghas-somma ta' tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm338.13) hsara fl-istess vettura kif jirrizulta mid-dokumenti A, B, C, D u E, hmistax-il lira (Lm15) hlas tas-survey report (Dok. F) u tlett liri (Lm3) hlas ta' l-iskizz.*

*Peress illi ghall-istess incident jahtu l-konvenuti li huma fid-dmir li jassiguraw li l-ebda oggett simili ma jithalla fuq il-bejt u ghaldaqstant naqsu mill-grad ta' diligenza rikjesta minnhom skond il-ligi.*

*Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:*

1. *Jiddikjarawhom responsabbli ghall-incident in kwistjoni;*
2. *Jikkundannahom ihallsu d-danni kollha fl-ammont ta' tlett mija u sitta u hamsin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm356.13) kif spjegat hawn fuq.*

*Ra l-eccezzjoni hekk imsejjha tal-privilegum fori tal-konvenuti;*

*Sema' l-provi u dokumenti mressqa dwar din l-eccezzjoni kif ukoll it-trattazzjoni orali ta' l-avukati difensuri;*

*Ikkunsidra:*

*Illi r-residenza hija stat strettament ta' fatt, u ghalkemm dokumenti ufficjali bhar-registru elettorali u l-pass mahrug mill-Gozo Ghannel jisghu iservu ta' indizji ta' dan il-fatt, jibqghu biss indizji li jridu jigu kkunsidrati flimkien ma' provi ohra. It-Tribunal japprezza s-sottomissjoni ta' l-atturi li mhux sewwa li wiehed jaghmel stqarrijiet biex jottjeni dokumenti ufficcjali li joqghod f'Ghawdex biex igawdi minn rohs tan-noll tal-vapuri li jittragittaw bejn iz-zewg gzejjer, liema stqarrijiet ta' spioss, kif inhu notorajment maghruf ikunu foloz, imbaghad meta jigi ghas-si u n-no jghid li huwa residenti f'Malta. Ghalkemm dan jista' jwassal biex stqarrijiet bhal dawn, maghmula taht gurament, jistghu jitressqu ghall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet ikkoncernati, xejn ma jbiddlu l-fatti kif tabilhaqq ikunu.*

*Illi fil-kaz istanti, it-Tribunal m'ghandux dubbju li l-konvenuti prezentement jirrisjedu fil-gzira ta' Malta.*

*Illi pero l-privilegium fori ma japplikax ghal dan it-Tribunal, almenu mhux kif inhu rikonoxxut fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. F'dak il-Kodici, insibu r-regoli li jirregolaw il-kompetenzi rispettivi ta' qrati differenti, u cioe' dik tal-Qrati Inferjuri u Superjuri ta' Malta fuq naha wahda u dik tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-diversi kompetenzi taghha kemm inferjuri kif ukoll superjuri. Issa, kif diga' kellu l-opportunita jispjega dan it-Tribunal f'kawza precedenti, m'hemmx Tribunal ghal Ghawdex u Tribunal ghal Malta. Hemm biss Tribunal wiehed li ghandu kompetenza kemm fil-gzira ta' Malta kif ukoll fil-gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna. Tabilhaqq, hemm regola fl-Att numru V tal-1995, Artiklu 3(4) li tixbah sewwa lill-privilegum fori li tippreskrivi hekk: it-Tribunal ghandu, sa fejn ikun prattikabbli (sottolinejar tat-Tribunal) izomm il-laqghat tieghu fil-Gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha. Dan ifisser illi: (1) jekk il-konvenut ikun jirrisjedi Malta, allura l-kawza ghandha tinzamm f'Malta sakemm il-gzira t'Ghawdex ma tkunx il-forum conveniens; (2) billi hemm Tribunal wiehed, ma jista' jkun hemm l-ebda eccezzjoni ta' kompetenza, imma biss eccezzjoni dwar il-gzira li fiha t-Tribunal ghandu jzomm is-seduti tieghu.*

*Illi fl-istanti, si tratta ta' incident li sehh f'Ghawdex, il-maggoranza tax-xhieda, jekk mhux kollha, inkluzi l-*

> *ufficcjali tal-pulizija li nvestigaw il-kaz, jirrisjedu fil-gzira t'Ghawdex, u, jekk ikun hemm lok ghal access fuq il-post, dan ovvjament irid isir fl-isola sorella. Ghalhemm m'hemmx dubbju li jkun iktar prattikabbli li t-Tribunal izomm il-laqghat tieghu f'Ghawdex.*
>
> *Ghaldaqstant, it-Tribunal jichad l-eccezzjoni hekk imsejha tal-privilegum fori u jiddiferixxi l-kawza ghas-smiegh tal-mertu".*

**<u>Appell intavolat mill-Konvenuti Appellanti.</u>**

Il-konvenuti appellanti pprezentaw appell mis-sentenza parzjali moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-28 ta' Dicembru 2001. L-aggravji taghhom huma li:

1. Eccezzjoni ta' *privilegum fori* tapplika ghal beneficcju tal-konvenut li ghandu jigi mharrek fir-residenza tieghu. Ghalkem hemm Tribunal wiehed biss, hemm ukoll il-gudikant li joqghod fil-Gzira t'Ghawdex. Dan il-mekkanizmu tal-procedura qieghed hemm ghall-beneficcju tal-partijiet fil-kawza u jekk il-konvenut jaghmel uzu minnu, dan huwa ghaliex il-ligi stess taghtih dan id-dritt.

2. L-Artiklu 3(4) tal-Kap. 380 mhux strettament principju ta' *privilegum fori*. Il-principju ta' *privilegum fori* xorta jibqa' applikabbli. Gialadarba l-konvenuti huma residenti f'Malta, il-kawza ghandha titkompla f'Malta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.</u>**

1. Jibda biex jinghad li l-ligi dwar it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (Kap. 380) tipprovdi ghal rimedju ta' appell **<u>biss</u>** fil-kazijiet elenkati fl-artikolu 8(2). Dawn huma:

(a) Kull haga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;

(b) Kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;

(c) Kull nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(2);

(d) Meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

L-eccezzjoni li biha l-konvenuti appellanti nvokaw *"il-privilegium fori"*, hija eccezzjoni ta' kompetenza li fil-fehma ta' din il-Qorti tinkwadra ruhha fl-Artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 380. Dan in lineja tal-gurisprudenza ta' din il-Qorti (ara per ezempju s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Prokuratur Legali Jonathan de Maria vs Il-Prim'Ministru et** (Avviz numru: 662/97JR) deciza fid-29 ta' Jannar 1999).

1. L-aggravju ta' l-appellanti jitratta dwar l-eccezzjoni sollevata minnhom fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2001 (igifieri wara li pprezentataw risposta fl-20 ta' Awwissu 2001) li biha eccepew il-*privilegium fori.* Skond l-Artikolu 741[c] tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), l-eccezzjoni

ta' inkompetenza ta' qorti tista' tinghata *"meta hu moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari"*. Beneficcju li huwa moghti: *"lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gzira, u lil dawk li joqoghdu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gzejjer"*.

2. Kien korrett it-Tribunal meta qal li l-Att numru V ta' l-1995 johloq Tribunal ghal Talbiet Zghar wiehed biss. Dan kuntrarjment ghal dak li nsibu fil-kaz tal-qrati inferjuri fejn l-Artikolu 4 tal-Kap 12 jipprovdi li dawn il-qrati huma:

(a) il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-Gzira ta' Malta;

(b) il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna.

Quddiem il-qrati ordinarji hija l-ligi stess li taghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari skond jekk joqghodx fil-Gzira ta' Malta jew Ghawdex. Hekk per ezempju, l-Artikolu 47(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tiddecidi pretenzjonijet kontra persuni li *"joqghodu, jew*

*li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja, f'parti tal-Gzira ta' Malta"*.

Minn qari ta' l-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) ma jirrizulta li hemm l-ebda provvediment f'din il-ligi li jaghti beneficcju simili lill-konvenut, jew li jaghmel l-Artikoli fuq citati tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) applikabbli ghall-proceduri li jigu ntavolati quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. L-uniku haga li jistipula l-Kap. 380 huwa li t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f'Malta u Ghawdex u *"**<u>sa fejn ikun prattikabbli</u>**, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha"* (Artikolu 3[4] tal-Att numru V ta' l-1995). Il-kliem *"sa fejn ikun prattikabbli"* (*as far as practicable* fit-Test Ingliz) huwa kliem cjar u jhalli l-kwistjoni fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. It-Tribunal qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'mod partikolari l-fatt li l-incident sehh f'Ghawdex u li l-parti l-kbira tax-xhieda jghixu f'Ghawdex, u wasal ghal konkluzjoni li jkun iktar prattikabbli li l-kaz jinstema' f'Ghawdex. L-appellanti ma ressqu l-ebda raguni valida ghalfejn id-diskrezzjoni ezercitata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghandha tigi disturbata.

1. Minghajr pregudizzju ghal dak li nghad iktar 'il fuq, ta' rilevanza huwa l-Artikolu 772 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) li jipprovdi li l-beneficcju ta' *privilegium fori* jista' jigi rinunzjat u meta ma jigix mitlub jitqies li gie rinunzjat. Din il-Qorti tifhem li anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument biss, wiehed kellu jabbracja t-tezi ta' l-appellanti li l-beneficcju huwa applikabbli anke f'kazijiet quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, bl-agir taghhom il-konvenuti appellanti gew li rrinunzjaw ghal din l-eccezzjoni. Il-fatt li l-konvenuti appellanti naqsu milli jaghtu din l-eccezzjoni in *limine litis*, fil-fehma tal-Qorti timporta rinunzja ghaliha.

2. Is-subinciz 3 ta' l-Artikolu 8 tal-Att Numru V ta' l-1995 jipprovdi li meta l-Qorti ta' l-Appell taqta' li l-appell ikun fondat u gustifikat, din ghandha thassar id-decizjoni tat-Tribunal u ghandha hi stess taqta' t-talba u l-kontro-talba originali skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 ta' l-istess Att. Mill-atti jirrizulta li sal-lum ghadhom ma tressqux provi u ma giex trattat il-meritu. Fic-cirkostanzi ikun opportun li l-atti jintabghtu lura quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghas-smiegh tal-provi fil-meritu.

Ghal dawn il-motivi, l-appell hu michud u s-sentenza appellata konfermata. Il-Qorti tordna li l-atti jigu rimessi quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar sabiex il-proceduri jissoktaw bis-smiegh tal-provi fuq il-meritu.

L-ispejjez jithallsu mill-appellanti.

Deputat Registratur